# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 8 ta' Novembru 2023

**Avviż Nru: 196/23JG**
**Nru fuq il-Lista: 8**

**AJ Electric Co Ltd (C 91561)**

**vs**

**Idea Plan Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetà attriċi datata 10 ta' Awwissu 2023[1], permezz ta' liema hija talbet li s-soċjetà konvenuta tiġi kundannata tħallas l-ammont ta' ħdax il-elf, disa' mija u ħamsa u sebgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€11,975.25ċ) għar-raġunijiet imfissra fl-istess Avviż;

Rat id-dokument anness[2];

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] A fol 2 tal-proċess.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Awwissu 2023[3].

Rat in-nota t'ammissjoni tas-soċjetà konvenuta[4], ippreżentat waqt is-seduta tal-lum[5].

**Ikkunsidrat**

Illi kif diġa ġie senjalat hawn fuq, is-soċjetà konvenuta għażlet li tammetti t-talba fil-konfront tagħha[6]. Huwa indubitat li ammissjoni bħal din hija aktar qawwija minn kull prova oħra għaliex "*confessio est probatio probatissima*"[7]. Għalhekk, f'każ fejn din isseħħ, idejn il-Qorti ikunu marbuta u tkun tista' biss tilqa' t-talba[8]. Jiġi wkoll mfakkar li meta sseħħ ammissjoni, ġudikant għandu jgħaddi sabiex jilqa' dak mitlub iżda mhux li jiddikjara l-mertu tal-proċediment eżawrit[9].

Illi din l-ammissjoni saret mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni.

Illi għalhekk, in vista ta' dan, kif ukoll tar-riżultanzi hekk kif jemerġu mill-proċess sħiħ, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' t-talba kif dedotta.

---

[3] A fol 3 tal-proċess.
[4] A fol 10 tal-proċess
[5] A fol 9 tal-proċess
[6] Rilevanti għalhekk dak li jrid l-artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[7] *La confessione é la superprova.* – Brocardo 940 *bis* – **Dizionario dei Termini Ġiuridici e dei Brocardi Latini,** Edoardo Mori, VII ed, fol 101.
[8] Fost diversi, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Justin Micallef Grimaud,** (Rik Maħluf Nru: 688/2021) u ċioé: *"Dan hu hekk għaliex, confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess"*
[9] *Vide* f'dan is-sens dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Grima vs Alfred Attard et**, (App Ċiv Nru: 3/2013/2), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2020.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' ħdax il-elf, disa' mija u ħamsa u sebgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€11,975.25ċ), bl-imgħax legali mis-26 ta' Jannar 2021[10] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dak tal-mandat ta' sekwestru msemmi fl-Avviż jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetà konvenuta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[10] Data tal-aħħar konsenja, kif mitlub u ammess.